REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/155

tal-31 ta' Jannar 2018

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 li jalloka lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid, l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 ([2]) jalloka l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi lil Stat Membru relatur u lil Stat Membru korelatur, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid. Billi l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2024 għadha ma ġietx allokata lil Stat Membru relatur jew lil Stat Membru korelatur, jixraq li din l-allokazzjoni ssir.

(2) Minħabba t-tul tal-proċess tal-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi, u minħabba n-notifika riċenti tar-Renju Unit bi qbil mal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ([3]), jeħtieġ li tiġi allokata mill-ġdid l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi elenkati fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012, li r-Renju Unit huwa l-Istat Membru relatur jew il-korelatur tagħhom, u li dwarhom għad ma ġiex ippreżentat dossier supplimentari. Is-sustanzi attivi kkonċernati huma s-sulfat tal-aluminju u tal-ammonju, l-ażossistrobina, il-bupirimat, il-karbetammid, il-klormekwat, l-etilen, il-fenbukonażol, il-fluwopikolid, il-flukinkonażol, il-flutriafol, l-estratt tat-tewm, il-metażaklor, il-miklobutanil, il-paklobutrażol, il-bżar, iż-żjut tal-pjanti/iż-żejt taċ-ċitronella, il-propakiżafop, il-kwiżalofop-p-etil, il-kwiżalofop-p-tefuril, it-tri-allat u l-urea.

(3) Dik l-allokazzjoni għandha ssir b'tali mod li jinkiseb bilanċ fir-rigward tad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-ħidma bejn l-Istati Membri.

(4) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ kemm jista' jkun malajr billi l-iskadenza biex jiġi ppreżentat id-dossier supplimentari ta' xi wħud mis-sustanzi attivi kkonċernati hija t-28 ta' Frar 2018.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 tas-26 ta' Lulju 2012 li jalloka lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid, l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi (ĠU L 200, 27.7.2012, p. 5).
([3]) ĠU C 326, 26.10.2012, p. 13.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Jannar 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti B, l-entrati korrispondenti mas-sustanzi attivi s-Sulfat tal-aluminju u tal-ammonju, l-Ażossistrobina, il-Bupirimat, il-Karbetammid, il-Klormekwat, l-Etilen, il-Fenbukonażol, il-Fluwopikolid, il-Flukinkonażol, il-Flutriafol, l-Estratt tat-tewm, il-Metażaklor, il-Miklobutanil, il-Paklobutrażol, il-Bżar, iż-Żjut tal-pjanti/iż-Żejt taċ-ċitronella, il-Propakiżafop, il-Kwiżalofop-P-etil, il-Kwiżalofop-P-tefuril, it-Tri-allat u l-Urea huma sostitwiti bl-entrati korrispondenti li ġejjin:

Sustanza attiva	Stat Membru Relatur	Stat Membru Korelatur
"Sulfat tal-aluminju u tal-ammonju	IE	PT"
"Ażossistrobin	AT	NO"
"Bupirimat	NL	PL"
"Karbetammid	SE	BE"
"Klormekwat	AT	IT"
"Etilen	NL	ES"
"Fenbukonażol	SI	AT"
"Fluwopikolid	AT	ES"
"Flukinkonażol	CZ	SK"
"Flutriafol	SK	CZ"
"Estratt tat-tewm	IE	DK"
"Metażaklor	NL	PT"
"Miklobutanil	AT	ES"
"Paklobutrażol	AT	RO"
"Bżar	BE	IE"
"Żjut tal-pjanti/Żejt taċ-ċitronella	FR	CZ"
"Propakiżafop	AT	EE"
"Kwiżalofop-P-etil	FI	SE"
"Kwiżalofop-P-tefuril	HR	AT"
"Tri-allat	NL	CZ"
"Urea	EL	FI"

(2) Din il-Parti C hija miżjuda:

"**PARTI C**

L-ALLOKAZZJONI TAL-EVALWAZZJONI TAS-SUSTANZI ATTIVI LI L-APPROVAZZJONI TAGĦHOM TISKADI WARA L-31 TA' DIĊEMBRU 2021 U MHUX AKTAR TARD MILL-31 TA' DIĊEMBRU 2024

Sustanza attiva	Stat Membru Relatur	Stat Membru Korelatur
1,4-Dimetilnaftalen	AT	PL
Aċekwinoċil	DE	NL

Sustanza attiva	Stat Membru Relatur	Stat Membru Korelatur
Adoxophyes orana GV tar-razza BV-0001	DE	FR
Ametoktradin	DE	NL
Amminopiralid	FI	DK
Amisulbrom	EL	FI
Aċidu askorbiku	NL	FR
Aureobasidium pullulans (ir-razez DSM 14940 u DSM 14941)	AT	DE
Bacillus firmus I-1582	FR	DK
Bacillus pumilus QST 2808	IT	NL
Benalaksil-M	PT	IT
Benżovindiflupir	FR	AT
Biksafen	CZ	BE
Candida oleophila tar-razza O	SI	DE
Klorantraniliprol	IE	DE
Ċiflumetofen	ES	AT
Fosfonat tad-disodju	FR	EL
Emamektin	NL	SI
Esfenvalerat	AT	PT
Ewġenol	ES	EL
Fenpirażammina	LV	LT
Flubendiammid	EL	AT
Flumetralin	HU	EL
Fluwopiram	AT	HR
Flużapirossad	FR	EL
Ġeranjol	ES	EL
Alosulfuron-metil	IT	PL
Helicoverpa armigera nucleopolyhedrovirus (HearNPV)	EE	FR
Ipkonażol	BE	FR
Isopirażam	NO	EL
lambda-Ċjalotrina	SE	FR
Maltodestrina	IE	FR

Sustanza attiva	Stat Membru Relatur	Stat Membru Korelatur
Mandipropammid	AT	PT
Metaflumiżon	SE	EL
Metam (inkl. il-potassju u s-sodju)	BE	ES
Metobromuron	FR	NO
Metsulfuron-metil	DK	SE
Żejt tal-lariġ	FR	CZ
Paecilomyces fumosoroseus tar-razza Fe9901	PL	NL
Penflufen	PL	IE
Pentijopirad	SE	CZ
Fosfan	ES	DE
Fosfonati tal-potassju (qabel imsejjaħ fosfit tal-potassju)	FR	EL
Prosulfuron	FR	SK
Pseudomonas sp. tar-razza DSMZ 13134	NL	BG
Piridalil	NL	BE
Pirjofenon	LV	EL
Pirossulam	DK	FI
Aċidu S-Abscisic	NL	DK
Sedassan	FR	AT
Tijosulfat tal-fidda u s-sodju	NL	LV
Spinetoram	HR	ES
Spiromesifen	IT	AT
Spirotetramat	AT	NO
Spodoptera littoralis nucleopolyhedrovirus	EE	FR
Streptomyces lydicus WYEC 108	NL	DE
Tembotrion	AT	FR
Tijenkarbażon	FR	EL
Timol	ES	EL
Trichoderma asperellum (tar-razza T34)	SE	IT
Trichoderma atroviride tar-razza I-1237	IT	SK
Valifenalat (qabel imsejjaħ Valifenal)	HU	SI
Vajrus tal-Możajk Isfar taz-Zukkini, tar-razza dgħajfa	DK	AT”